MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2015

Numru. 870/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**ALBERT CARUANA**
**(ID Nru. 192668M)**

Illum, 3 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Albert Caruana, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 192668M.

**Akkuzat talli:**

F'Mejju 2012 u fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

Fil-kapacita` tieghu ta` ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghall-beneficcju ta` xi persuna jew entita` ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta` kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew serqahom ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta.

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi *profit* ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta` aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnu specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi kkommetta serq ta` medicini u oggetti ohra, liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tqis lill-imputat Albert Caruana bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li kien misjub hati ta` sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta` Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti skonjt il-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esibiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 127, 293, 294, 261 (c) (d), 266, 267, 268, 279 (a), 280 (1), 281, 310 (1) (b), 31, 141, 532 A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi in-sostenn tal-allegazzjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni resqet is-sussegwenti xhieda:

1. Spettur Jonathan Ferris;
2. Rosario Grech;
3. Andrew Xuereb;
4. Peter Zammit;
5. Louis Briffa;
6. Joseph Polidano;
7. PS 1349 Ranier Agius;
8. WPC 304 Lorna Mifsud;
9. Isabelle Zahra Pulis;
10. Brian Farrugia

Ili l-Prosekuzzjoni rnexxielha ggib ukoll il-provi li l-imputat huwa ufficjal pubbliku u jaqa` taht ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali.

Illi, mill-provi prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha li tissostanza l-akkuzi kollha migjuba kontra dan l-imputat. Dina l-Qorti hekk qiedgha taghmel u qiedgha ssibu hati.

Izda dina l-Qorti, minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, temmen illi hija ghandha tinzel taht il-minimu minhabba r-ragunijet unici f’dan il-kaz. Dan nonostante illi dina l-Qorti qiedgha ssib ukoll htija fl-akkuza ta` recidiva. Wiehed ghandu jirrimarka li dina l-kundanna precedenti kienet tikkoncerna serq ta` telefon cellulari ta` valur minimu li gie ritornat minnufih mill-akkuzat lill-*parte civile*.

Illi r-ragunijiet specjali ghaliex dina l-Qorti qiedgha tinzel taht il-minimu a tenur tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 huma s-sussegwenti:

1. Il-valur zghir tar-rifurtiva u n-natura taghha;

2. Il-fatt illi l-imputat kien qieghed jaghmel karita` mal-gar tieghu li huwa kronikament marid u fi bzonn ta` kura kostanti waqt li l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat qatt ma thallas ghas-servizzi tieghu hlief darba wahda fl-ammont ta` hames ewro (€5). Huwa veru li kien jaccetta pjaciri mill-marid Rosario Grech bhal xi hut jew *trifle*.

Minhabba dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti qiedgha tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` hames (5) xhur li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi huwa ghamel taht arrest.

Finalment, dina l-Qorti, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tirrakommanda lill-Awtoritajiet kompetenti li jikkunsidraw l-imputat ma jitlifx l-impjieg tieghu.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------